Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2025/2014(INI)

26.05.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fid-dawl tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli 2025
(2025/2014(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Lina Gálvez

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jippreżenta lill-Kumitat għall-Iżvilupp u lill-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitati responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-UE, fil-kuntest tas-saħħa tan-nisa[1a],
	[1a] ĠU C 81, 18.2.2022, p. 43.

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' April 2024 dwar l-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[1a],
	[1a] ĠU C, C/2025/1279, 13.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1279/oj.

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali tal-UE għad-Drittijiet tan-

Nisa, tal-Kummissjoni,

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp tal-1994 li saret fil-Kajr, il-programm ta' azzjoni tagħha u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħha,

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tal-2015 u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħha,

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Equal Measures 2030 bit-titolu "Findings from the 2024 SDG Gender Index – A gender equal future in crisis?" (Sejbiet mill-Indiċi tal-SDGs dwar il-Ġeneru – Futur ugwali bejn il-ġeneri fi kriżi?),

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport konġunt tal-2024 ta' UN Women, tal-Programm ta' Żvilupp tan-NU, tal-Fond tan-NU għall-Popolazzjoni (UNFPA), tal-UNICEF u tal-Programm Dinji tal-Ikel bit-titolu "Are we getting there? A synthesis of the UN evaluations of SDG 5" (Qed naslu? Sinteżi tal-evalwazzjonijiet tan-NU tal-SDG 5),

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Linji Gwida Volontarji 2015 biex jiġi żgurat is-Sajd Sostenibbli fuq Skala Żgħira fil-Kuntest tas-Sigurtà tal-Ikel u l-Qerda tal-Faqar tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura, inkluż il-Kapitolu 8 tagħhom dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ekwità,

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024 lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għad-69 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa*[1a]*,
	[1a] ***ĠU C, C/2025/1971, 11.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1971/oj.***

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 55a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' Marzu 2024 bit-titolu "Id-disa' rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali",

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 55b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi bit-titolu "Gender Equality Reports 2023 – Towards a green transition in transport and energy" (Rapporti dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2023 – Lejn tranżizzjoni ekoloġika fit-trasport u fl-enerġija),

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi skont l-Indiċi tal-Paċi Globali tal-2024, il-livell medju ta' stat ta' paċi globali naqas b'0,56 %, u dan jirrappreżenta l-ħames sena konsekuttiva ta' deterjorament; billi fid-dawl ta' din ix-xejra, l-SDG 16 għandu jiġi inkluż f'rieżami fil-fond biex jiġu indirizzati l-isfidi dejjem akbar għall-paċi u għas-sigurtà madwar id-dinja;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-prevalenza dejjem akbar tat-traffikar ta' bnedmin għadha theddida kritika għall-paċi u għas-sigurtà globali; billi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali u tal-mekkaniżmi ta' infurzar fl-ambitu tal-SDG 16 huwa essenzjali biex jiġu miġġielda n-networks tat-traffikar, jiġu protetti l-vittmi u jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi bħalissa hemm nuqqas ta' investiment annwali ta' USD 4 triljun fl-SDGs; billi livelli għoljin ta' dejn ta' pajjiżi b'introjtu baxx u medju jikkostitwixxu ostaklu għall-investimenti meħtieġa biex jinkisbu l-SDGs;	C. billi bħalissa hemm nuqqas ta' investiment annwali ta' USD 4 triljun fl-SDGs; billi livelli għoljin ta' dejn ta' pajjiżi b'introjtu baxx u medju***, iffaċilitati minn xi programmi ta' istituzzjonijiet finanzjarji,*** jikkostitwixxu ostaklu għall-investimenti meħtieġa biex jinkisbu l-SDGs; ***billi dan huwa marbut ukoll maż-żieda fir-rati tal-faqar; billi n-nisa u l-bniet madwar id-dinja huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-faqar, mill-kriżijiet umanitarji, mit-tibdil fil-klima, mill-kunflitti, mill-estremiżmu, mit-terroriżmu, mill-gwerer u min-nuqqas ta' ikel; billi dan jagħmel ukoll lit-tfal aktar vulnerabbli; billi d-differenza bejn il-ġeneri fil-faqar hija mistennija li tiżdied sal-2030 peress li n-nisa xorta se jibqgħu jiffurmaw il-maġġorparti tan-nies f'faqar estrem madwar id-dinja;***

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	Ca. billi n-nuqqas ta' finanzjament għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa ostaklu ewlieni biex jinkisbu l-eżiti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija fundamentali biex jitwettqu l-wegħdiet ta' sostenibbiltà, prosperità, ġustizzja soċjali, paċi u progress tal-bniedem; billi impenji finanzjarji sinifikanti u sostnuti u proċessi ta' bbaġitjar imsaħħa huma fundamentali biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni, politiki u servizzi reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-miri kollha tal-SDG 5 [1a]***;***

[1a] ***Equal Measures 2030, 'Findings from the 2024 SDG Gender Index – A gender equal future in crisis?', https://equalmeasures2030.org/wp-content/uploads/2024/09/EM2030_2024_SDG_Gender_Index_EN_digital.pdf.***

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-vjolenza kontra n-nisa fil-forom kollha tagħha (vjolenza fiżika, sesswali, psikoloġika, ekonomika jew ċibernetika) hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem, forma estrema ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u wieħed mill-akbar ostakli għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru għandha l-għeruq tagħha fid-distribuzzjoni inugwali tal-poter bejn il-ġeneri, fl-istrutturi patrijarkali u fl-istereotipi marbuta mal-ġeneru, li wasslu għal dominazzjoni fuq in-nisa u għal diskriminazzjoni kontrihom mill-irġiel u jistgħu jvarjaw fl-apparenza, fl-intensità u fil-forma; billi soċjetà ħielsa mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru trid tiġi rikonoxxuta bħala prerekwiżit assolut

	għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tiegħu għat-twettiq f'waqtu u sħiħ tal-SDGs kollha;	1. Jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tiegħu għat-twettiq f'waqtu u sħiħ tal-SDGs kollha***, fl-Istati Membri kollha u globalment permezz tal-azzjoni esterna tal-UE***;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(a) Jissottolinja li l-UE għamlet progress moderat fl-SDG 1 iżda li n-nisa għadhom f'riskju ogħla ta' faqar u esklużjoni soċjali;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(b) Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-SDG 2 fl-UE, peress li r-rata dejjem tikber tal-obeżità fin-nisa u fit-tfal hija sinjal ta' malnutrizzjoni;

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	(c) Jinsab imħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni tan-nisa fl-UE fir-rigward tal-SDG 7 peress li huwa aktar probabbli li n-nisa jiffaċċjaw faqar enerġetiku minħabba introjti aktar baxxi; 9,8 % tan-nisa 8,7 % tal-irġiel ma setgħux isaħħnu djarhom b'mod adegwat fl-2022, u dan mar għall-agħar bil-kriżi enerġetika; jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar enerġija affordabbli[1a]; jistieden lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jħaffu l-proċess biex jiżguraw aċċess fil-pront għal enerġija affordabbli;
	[1a] Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli - Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha (COM(2025)0079).

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 – punt d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(d) Jissottolinja li l-SDG 11 għadu ma ntlaħaqx fl-UE peress li huwa aktar probabbli li n-nisa jesperjenzaw privazzjoni ta' akkomodazzjoni (4,6 % vs 4,0 % għall-irġiel fl-2022) u jiddependu aktar fuq it-trasport pubbliku, fejn għad hemm tħassib dwar is-sikurezza;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih li l-komunità globali tinsab ferm lura mill-progress biex titwettaq l-Aġenda 2030 u jinkisbu l-miri tal-SDGs;	2. Jiddispjaċih li l-komunità globali tinsab ferm lura mill-progress biex titwettaq l-Aġenda 2030 u jinkisbu l-miri tal-SDGs ***u li l-progress lejn il-kisba ta' ċerti SDGs mar lura; jenfasizza d-***

	differenzi bejn il-pajjiżi u r-reġjuni u fi ħdanhom dwar diversi kwistjonijiet, bħad-disparitajiet bejn il-ġeneri; jiddispjaċih dwar l-irtirar tal-finanzjament mill-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Iżvilupp Internazzjonali (USAID) u jirrikonoxxi l-impatt devastanti fuq l-għan tal-komunità globali għall-kisba tal-miri tal-SDGs, speċjalment l-SDG 5;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jappella biex l-UE twettaq l-impenn tagħha li tapplika l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u perspettiva intersezzjonali għall-politiki u għall-finanzjamenti kollha tal-UE; jiddispjaċih li l-pajjiżi madwar id-dinja għadhom neqsin minn 44 % tad-data meħtieġa biex ikollhom rendikont tal-SDG 5 u aktar minn 80 % tal-pajjiżi jonqoshom id-data dwar mill-anqas mira waħda tal-SDG 5[1a]; jisħaq, għalhekk, fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u li jittejbu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni globali tagħhom, u li jiġi żgurat tfassil ta' politika infurmat u jingħalqu d-differenzi li fadal fid-data dwar il-ġeneri;
	[1a] ***Equal Measures 2030, 'Findings from the 2024 SDG Gender Index – A gender equal future in crisis?', https://equalmeasures2030.org/wp-content/uploads/2024/09/EM2030_2024_SDG_Gender_Index_EN_digital.pdf.***

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jenfasizza l-importanza tad-data li tippermetti l-monitoraġġ tal-SDGs, filwaqt li jissottolinja li minkejja żidiet ta' min ifaħħarhom fid-data, kif ukoll il-ftuħ, l-aċċessibbiltà u l-użu effettiv tagħha, għad hemm lakuni kritiċi; jisħaq, għalhekk, fuq l-importanza tar-rwol tal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u l-ħtieġa li jissaħħu s-sħubijiet, li huma kruċjali biex tinkiseb data aktar inklużiva, bħad-data desegregata skont il-ġeneru;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-kooperazzjoni internazzjonali ***u*** l-azzjoni trasformattiva deċiżiva huma meħtieġa b'mod urġenti biex is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna jitqiegħdu f'pożizzjoni soda biex jintlaħqu l-SDGs u tiġi indirizzata l-kriżi tripla tad-dinja;	3. Jisħaq li l-kooperazzjoni internazzjonali***,*** l-azzjoni trasformattiva deċiżiva ***u żieda fl-infiq globali ta' għajnuna għall-iżvilupp*** huma meħtieġa b'mod urġenti biex is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna jitqiegħdu f'pożizzjoni soda biex jintlaħqu l-SDGs u tiġi indirizzata l-kriżi tripla tad-dinja***: it-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telfien tal-bijodiversità***;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li t-tmexxija tal-UE fl-implimentazzjoni globali tal-SDGs tibqa' kruċjali, speċjalment fid-dawl tad-diversi sfidi ġeopolitiċi u kriżijiet li għaddejjin bħalissa;	4. Jenfasizza li t-tmexxija tal-UE fl-implimentazzjoni globali tal-SDGs tibqa' kruċjali, speċjalment fid-dawl tad-diversi sfidi ġeopolitiċi u kriżijiet li għaddejjin bħalissa***, inklużi l-oppożizzjoni dejjem akbar lejn l-SDGs u r-rigressjoni kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-qafas internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li għandu l-għan li jipproteġi gruppi***

	f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew emarġinati madwar id-dinja, inkluż n-nisa, il-bniet u l-persuni LGBTIQ+;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jagħraf l-isforzi kontinwi u l-progress sinifikanti tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-avvanz tal-SDG 8, filwaqt li jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa għal aktar titjib fil-kisba tal-SDG 5;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jissottolinja li l-UE għandha tagħti prijorità lill-politiki li jappoġġjaw lin-nisa, lill-bniet u lill-familji, filwaqt li tiżgura li l-benesseri ekonomiku u soċjali tagħhom jitqies bħala kruċjali biex jinkisbu l-SDGs bħat-tnaqqis tal-faqar, l-edukazzjoni ta' kwalità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jiddispjaċih dwar il-progress marġinali jew moderat fil-biċċa l-kbira tal-miri tal-SDG 3 u l-pass li ilu jonqos mill-2015 f'diversi oqsma ewlenin; jinnota bi tħassib li anqas minn 10 % tal-miri tal-SDG 3 jinsabu fit-triq it-tajba u anqas minn terz x'aktarx li jintlaħqu sal-2030;	5. Jiddispjaċih dwar il-progress marġinali jew moderat fil-biċċa l-kbira tal-miri tal-SDG 3 u l-pass li ilu jonqos mill-2015 f'diversi oqsma ewlenin; jinnota bi tħassib li anqas minn 10 % tal-miri tal-SDG 3 jinsabu fit-triq it-tajba u anqas minn terz x'aktarx li jintlaħqu sal-2030; ***ifakkar***

	li fl-UE jeżistu inugwaljanzi kbar bejn il-ġeneri u li sar progress limitat ħafna mill-2010 biex jiġu indirizzati dawn l-inugwaljanzi;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-persistenza tal-prattika tal-mutilazzjoni ġenitali femminili u jesprimi s-simpatija tiegħu għall-vittmi; jenfasizza li f'Marzu 2024, il-UNICEF irreveda ċ-ċifra tal-għadd ta' vittmi għal aktar minn 230 miljun, liema ċifra tirrappreżenta żieda ta' 15 % (madwar 30 miljun aktar) mill-2016, minkejja t-tnaqqis li deher f'xi pajjiżi;

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jirrikonoxxi li t-tnaqqis reċenti fil-finanzjament tal-USAID se jkompli jxekkel il-progress fl-SDG 3, b'impatt partikolari fuq l-aċċess tan-nisa u tal-bniet għas-servizzi tal-kura tas-saħħa riproduttiva u materna;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jisħaq li d-diversi kriżijiet interkonnessi, infrastruttura tal-kura tas-saħħa dgħajfa, instabbiltà ekonomika,	6. Jisħaq li kriżijiet ***diversi,*** interkonnessi ***u li qed jikbru, bħal*** infrastruttura tal-kura tas-saħħa dgħajfa,

faqar, inugwaljanzi persistenti, speċjalment fost popolazzjonijiet u reġjuni vulnerabbli, ***u*** riżorsi dejjem aktar ristretti jheddu li jfixklu aktar il-progress lejn l-ilħuq tal-miri tal-SDG 3;	instabbiltà ekonomika, ***tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu,*** faqar, ***u*** inugwaljanzi persistenti, ***inklużi l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri,*** speċjalment fost popolazzjonijiet u reġjuni vulnerabbli, ***kif ukoll*** riżorsi dejjem aktar ristretti ***u n-nuqqas ta' riċerka medika sensittiva għall-ġeneru,*** jheddu li jfixklu aktar il-progress lejn l-ilħuq tal-miri tal-SDG 3;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinnota bi tħassib l-irtirar tal-Istati Uniti mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u l-iffriżar totali tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA); jissottolinja li, meta jitqies ir-rwol li l-USAID kellha fit-tishih tas-saħħa globali, dan se jkollu effett enormi fuq il-ħajja tan-nies u fuq l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa globalment, inkluż għal miljuni ta' nisa u bniet; jenfasizza wkoll li l-istabbiliment mill-ġdid tal-Global Gag Rule għandu impatt b'mod partikolari fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-lakuni li ħallew l-Istati Uniti, inkluż billi jżidu l-kontribut tal-UE għal inizjattivi ewlenin għall-SRHR bħas-Shubija tal-Provvisti tal-UNFPA u l-Inizjattiva tat-Tim Ewropa dwar l-SRHR fl-Afrika sub-Saħarjana;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jiddispjaċih li l-għajnuna għall-iżvilupp qed tonqos b'mod globali, u dan

	prinċipalment jaffettwa l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa fl-ifqar reġjuni u lill-persuni l-aktar emarġinati, bħan-nisa u l-bniet; iqis li t-tkissir ta' sistemi tal-kura tas-saħħa fraġli joħloq riskju potenzjali għas-saħħa għall-popolazzjoni globali; jappella għal azzjoni deċiżiva fl-Istati Membri kollha u bħala parti mill-politiki esterni tal-UE biex isir progress sostanzjali lejn l-għan tal-2030 li titnaqqas il-mortalità materna u jiġi żgurat aċċess universali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż għall-ippjanar tal-familja u għall-abort sikur u legali, għall-kura tas-saħħa materna u għall-kisba tal-kopertura universali tas-saħħa, inkluż aċċess għal mediċini essenzjali, sikuri, effettivi, ta' kwalità u affordabbli għal kulħadd; jappella lill-UE biex, bħala prijorità, tiżgura aċċess għall-metodu ta' kontraċezzjoni sikur u effettiv tal-għażla tal-individwu u għal servizzi ta' abort sikuri u legali fl-Istati Membri kollha;

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jiżguraw l-aċċess, bħala prijorità, għal edukazzjoni komprensiva obbligatorja bbażata fuq l-evidenza u adattata għall-età dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet għas-subien u għall-bniet u informazzjoni dwar l-ippjanar tal-familja fid-dawl tal-164 miljun mara meqjusa li għandhom ħtieġa mhux issodisfata f'dan il-qasam[1a], filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għal dawn l-isforzi permezz tal-politiki esterni;
	[1a] ***Id-Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali tan-NU, "World Family Planning 2022",***

https://www.un.org/development/desa/pd/sites/www.un.org.development.desa.pd/files/files/documents/2023/Feb/undesa_pd_2022_world-family-planning.pdf.

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6e. Jappella lill-UE tissodisfa l-pjanijiet inklużi fl-istrateġija dwar is-saħħa mentali u timplimenta azzjonijiet aktar deċiżivi biex tiżgura kundizzjonijiet ta' saħħa mentali tajbin għal kulħadd, speċjalment billi tqis il-perspettiva tal-ġeneru u kif in-nisa u l-persuni LGBTIQ+ jiġu affettwati b'mod aktar serju mis-saħħa mentali tagħhom;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6f. Ifakkar li t-twettiq sħiħ tal-SRHR u l-ħarsien tal-awtonomija fiżika tan-nisa u tal-bniet huma kritiċi għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jenfasizza li l-SRHR huma parti integrali mill-kopertura universali tas-saħħa u huma kritiċi biex jinkiseb l-SDG 3, b'mod partikolari l-mira 3.7; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-SRHR jiġu inklużi fl-inizjattivi u fil-programmi tal-UE dwar il-kopertura universali tas-saħħa;

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6g. ***Iwissi li l-miri stabbiliti mill-SDGs 3 u 5 mhux se jinkisbu jekk l-aċċess universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u għad-drittijiet riproduttivi ma jkunx garantit fl-UE u globalment; ifakkar li l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa essenzjali u l-mediċini meħtieġa, għall-metodu ta' kontraċezzjoni sikur u effettiv tal-għażla tal-individwu u għal servizzi ta' abort legali huma aspett fundamentali tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva;***

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6h. Ifakkar li tqala mhux intenzjonata jista' jkollha implikazzjonijiet fiżiċi, emozzjonali u finanzjarji sinifikanti għall-individwi u għall-familji, u tikkawża ħsara partikolarment sinifikanti lill-minorenni f'każijiet ta' tqala adolexxenti; jissottolinja li l-kura legali f'każ ta' abort hija kura li ssalva l-ħajja waqt korrimenti u emerġenzi ostetriċi oħra ta' theddid għall-ħajja u li l-aċċess legali u effettiv għal abort sikur jista' jgħin jindirizza kumplikazzjonijiet kbar u jevita tqala b'riskju għoli li tista' twassal għall-mortalità materna u tat-trabi;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6i. Jissottolinja wkoll li l-medikazzjoni għall-abort tipprovdi alternattiva sikura u anqas invażiva mill-abort kirurġiku u tagħmel il-kura f'każ ta' abort u f'każ ta' korriment aktar

	aċċessibbli għall-individwi li jgħixu f'żoni fejn huwa diffiċli li l-kura f'każ ta' abort kirurġiku tiġi aċċessata minħabba ostakli ġeografiċi jew ostakli oħra, u li l-aċċess f'waqtu għal medikazzjoni sikura għall-abort jista' jippermetti wkoll lill-pazjenti jimmaniġġjaw huma stess, kompletament jew parzjalment, il-kura f'każ ta' abort u f'każ ta' korriment, filwaqt li jiġi evitat dewmien fil-kura, li jista' jwassal għal riskji addizzjonali għas-saħħa;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6j. Jappella biex l-UE tadotta malajr l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi*[1a] *u tiżgura li dan jiggarantixxi l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà f'kull ħin ta' mediċini essenzjali tas-saħħa sesswali u riproduttiva fil-lista ta' mediċini essenzjali tad-WHO madwar l-UE kollha; jistieden lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini taġġorna l-lista ta' mediċini kritiċi tal-UE biex tinkludi l-lista sħiħa ta' mediċini essenzjali għas-saħħa sesswali u riproduttiva inklużi fil-lista ta' mediċini essenzjali tad-WHO, bħall-kontraċezzjoni u l-mediċina għall-abort; jappella biex l-UE tiżgura li l-mediċini essenzjali għas-saħħa sesswali u riproduttiva jiġu inklużi b'mod sistematiku bħala parti mill-għajnuna umanitarja għal pajjiżi mhux tal-UE;
	[1a] ***COM(2025)0102.***

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Il-Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappella għal azzjoni kkoordinata msaħħa u investiment sostanzjali biex tinkiseb kopertura tas-saħħa universali, jissaħħu s-sistemi tas-saħħa, jiġi żgurat aċċess ekwu għall-mediċini u għall-vaċċini, jiġu promossi l-prevenzjoni u t-trattament tal-mard, jiġu indirizzati l-fatturi ambjentali aggravanti u jiġu indirizzati d-disparitajiet fl-aċċess għal kura u servizzi ta' kwalità, speċjalment għall-popolazzjonijiet u r-reġjuni vulnerabbli;	7. Jappella għal azzjoni kkoordinata msaħħa u investiment sostanzjali biex tinkiseb kopertura tas-saħħa universali, jissaħħu s-sistemi tas-saħħa, jiġi żgurat aċċess ekwu għall-mediċini u għall-vaċċini, jiġu promossi l-prevenzjoni u t-trattament tal-mard, jiġu indirizzati l-fatturi ambjentali aggravanti***,*** jiġu indirizzati d-disparitajiet fl-aċċess għal kura u servizzi ta' kwalità, speċjalment ***għal nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli,*** għall-popolazzjonijiet u r-reġjuni vulnerabbli***, inkluż għall-minoranzi, għan-nisa u l-bniet, u għal persuni b'diżabbiltà; jissottolinja l-importanza li jiġi ggarantit l-aċċess għas-saħħa għal kulħadd bħala dritt fundamentali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-edukazzjoni għall-bniet f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, għall-bniet migranti, spostati internament u rifuġjati u għal dawk fi kriżijiet umanitarji u f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt***;

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jappella għal azzjoni kkoordinata msaħħa u għal investiment sostanzjali biex tinkiseb kopertura tas-saħħa universali, jissaħħu s-sistemi tas-saħħa, jiġi żgurat aċċess ekwu għall-mediċini u għall-vaċċini, jiġu promossi l-prevenzjoni u t-trattament tal-mard, jiġu indirizzati l-fatturi ambjentali aggravanti, jiġu indirizzati l-isfidi tas-saħħa mentali u jitnaqqsu d-disparitajiet fl-aċċess għal kura u servizzi ta' kwalità, speċjalment għall-popolazzjonijiet u għar-reġjuni vulnerabbli;

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jitlob li d-dritt universali għal*** ambjent b'saħħtu ***jiżdied mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u li jiġi stabbilit qafas legalment vinkolanti***;	8. ***Iqis li*** ambjent b'saħħtu ***huwa fattur kritiku biex titjieb is-saħħa***;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jiddispjaċih li l-ebda pajjiż ma jinsab fit-triq it-tajba biex jikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri sal-2030 u li kważi 40 % tal-pajjiżi staġnaw jew saħansitra marru lura fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri bejn l-2019 u l-2022; jinnota li din ir-rigressjoni tikkoinċidi maż-żieda ta' xejriet konservattivi, reazzjonarji u misoġinistiċi li jaħdmu kontra d-drittijiet tan-nisa madwar id-dinja; iwissi li jekk ix-xejriet attwali lejn ir-rigress u l-istaġnar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jżidu fir-ritmu, l-inugwaljanzi globali bejn il-ġeneri jistgħu jkunu agħar fl-2030 milli meta ntlaħaq qbil dwar l-SDGs fl-2015;[1a]***;***

[1a] ***Equal Measures 2030, 'Findings from the 2024 SDG Gender Index – A gender equal future in crisis?', https://equalmeasures2030.org/wp-content/uploads/2024/09/EM2030_2024_SDG_Gender_Index_EN_digital.pdf.***

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jisħaq fuq in-natura trażversali tal-SDG 5 u l-importanza tiegħu fit-twettiq tal-Aġenda 2030; jenfasizza li l-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tikkomplementa direttament l-SDGs l-oħra kollha u t-twettiq ta' dawn l-għanijiet ma jistax jinkiseb mingħajr ma jiġu avvanzati d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jappella għal azzjoni aċċellerata u mmirata biex tintemm kull forma ta' vjolenza u fastidju kontra n-nisa, il-bniet u l-persuni LGBTIQ+, inkluża l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, ***u*** biex jintemmu prattiki dannużi bħaż-żwieġ tat-tfal u l-mutilazzjoni ġenitali femminili;	9. ***Itenni li soċjetà mingħajr vjolenza abbażi tal-ġeneru hija prerekwiżit indispensabbli għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;*** jappella għal azzjoni aċċellerata u mmirata biex tintemm kull forma ta' vjolenza u fastidju kontra n-nisa, il-bniet u l-persuni LGBTIQ+, inkluża l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, biex jintemmu prattiki dannużi bħaż-żwieġ tat-tfal ***u dak sfurzat, li għalih jiġu soġġetti 12-il miljun tifla kull sena***[1a]***,*** il-mutilazzjoni ġenitali femminili***, l-abort abbażi tas-sess u biex jiġi miġġieled l-użu tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala arma tal-gwerra; iqis li l-involviment ċiviku u l-organizzazzjonijiet tan-nisa fil-livell lokali huma essenzjali biex jinkiseb dan l-għan; jesprimi tħassib dwar iż-żieda globali fil-prosekuzzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, speċifikament fir-rigward ta' dawk li jiddefendu d-drittijiet tan-nisa u tal-minoranzi; jesprimi tħassib dwar ir-rati għoljin ta' mortalità materna fil-pajjiżi b'introjtu baxx u medju inferjuri***;

[1a] ***UNICEF, 'Fast Facts: 10 facts illustrating why we must #EndChildMarriage10 February 2019',***

https://www.unicef.org/press-releases/fast-facts-10-facts-illustrating-why-we-must-endchildmarriage.

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jisħaq li l-istupru jibqa' wieħed mill-aktar ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem u jħeġġeġ l-istabbiliment ta' definizzjoni komuni ta' stupru abbażi ta' nuqqas ta' kunsens;

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jiddispjaċih dwar ir-reżistenza globali kontra d-drittijiet tan-nisa u jikkundanna kwalunkwe attur li jieħu azzjonijiet biex jimmina l-kisbiet globali tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jappella biex l-UE u l-Istati Membri jintensifikaw il-ġlieda għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri issa li l-Istati Uniti qed twaqqaf il-finanzjament ta' organizzazzjonijiet li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jappella għal azzjoni aktar deċiżiva biex tiġi miġġielda ż-żieda fid-diskors ta' mibegħda kontra l-ġeneru online u ż-żieda fit-theddid li jiffaċċjaw in-nisa f'pożizzjonijiet politiċi, li qed

	jirriżultaw f'għadd anqas ta' nisa li jokkupaw tali karigi u nisa li ta' spiss jiġu mġiegħla jitilqu;

Emenda 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li ***jitkompla l-finanzjament*** għal programmi li jiffukaw fuq il-promozzjoni ***tal-emanċipazzjoni tan-nisa*** u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li ***85 % tal-azzjonijiet esterni l-ġodda kollha*** jinkorporaw il-ġeneru bħala objettiv sinifikanti jew prinċipali u li ***20 %*** tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp f'kull pajjiż tiġi allokata għal programmi li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala wieħed mill-objettivi prinċipali tagħhom;	10. Jitlob li ***jiżdied il-finanzjament*** għal programmi li jiffukaw fuq il-promozzjoni ***tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li ***l-azzjonijiet kollha ffinanzjati mill-UE jintegraw id-dimensjoni tal-ġeneru u li 85 % tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp tmur għal proġetti li*** jinkorporaw il-ġeneru bħala objettiv sinifikanti jew prinċipali u li ***20 %*** tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp f'kull pajjiż tiġi allokata għal programmi li għandhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala wieħed mill-objettivi prinċipali tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni tinkludi dawn iż-żewġ miri fil-QFP li jmiss u tiżgura li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u approċċ ta' bbaġitjar skont il-ġeneru jiġu inkorporati fil-politiki, fil-programmi u fil-baġits kollha tal-UE;***

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jinsab allarmat għall-fatt li l-SDG 5 huwa wieħed mill-SDGs l-anqas iffinanzjati; jiddenunzja t-tnaqqis dejjem akbar tal-prijorità għall-finanzjament tad-drittijiet tan-nisa u l-fatt li l-movimenti femministi fil-livell lokali u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa

	għadhom qed jiġu sottofinanzjati sistematikament, u jirċievu anqas minn 1 % tal-ODA globali[1a]; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura finanzjament regolari, adegwat u sostenibbli għall-programmi u għall-organizzazzjonijiet Ewropej li jaħdmu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għad-drittijiet tan-nisa;
	[1a] ***Nota ta' politika tal-ODI, "Where next for feminist foreign policy on funding feminist movements?", https://media.odi.org/documents/ODI-ET-FundingMovements-PB-EN-May24-Final.pdf.***

Emenda 53

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jesprimi tħassib serju dwar l-apartheid tal-ġeneru li qed jitwettaq bħalissa fl-Afganistan; jenfasizza li 2,2 miljun tifla diġà ġew miċħuda l-aċċess għall-edukazzjoni fl-Afganistan, u dan in-numru mistenni li jiżdied għal 4 miljuni; jistieden lill-komunità globali tikkundanna bil-qawwa l-apartheid tal-ġeneru fl-Afganistan, u tieħu l-azzjoni kollha meħtieġa biex ittemm l-apartheid tal-ġeneru u tressaq lil dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja;

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Jiddispjaċih li mit-tnedija tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru III, 3,8 % biss tal-azzjonijiet kollha reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru jew tal-azzjonijiet

kollha mmirati lejn il-ġeneru kellhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali, u b'hekk waqgħu lura mill-mira ta' 5 % deskritta fir-Regolament NDICI[1a]: jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu b'mod sostanzjali l-għadd ta' azzjonijiet tal-UE li għandhom il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala l-objettiv prinċipali u jilħqu l-mira ta' 5 %; jappella biex l-UE żżid il-finanzjament ta' fondi multilaterali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bħall-UN Women, u għas-saħħa sesswali u riproduttiva, bħall-UNFPA u l-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkuloż u l-Malarja;

[1a] ***Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/947/oj).***

Emenda 55

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappella għal sforzi aċċellerati biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, ***inkluż fl-ekonomija tal-kura,*** u biex jiġu żgurati parteċipazzjoni u opportunitajiet ta' tmexxija ugwali fis-setturi pubbliċi u privati;	11. Jappella għal sforzi aċċellerati biex titnaqqas id-differenza ***fl-impjiegi*** bejn il-ġeneri ***u dik*** fil-pagi bejn il-ġeneri ***u d-differenza fil-pensjonijiet u biex jiżdiedu l-investimenti fis-servizzi pubbliċi u fl-infrastruttura soċjali u jappella għal impenn biex isir avvanz lejn soċjetajiet ta' kura; jappella għal valutazzjoni u remunerazzjoni aktar ġusti tax-xogħol fis-***

	setturi ddominati min-nisa, għat-trasparenza fil-pagi, għar-riformi tal-protezzjoni soċjali u ***għall-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità ħielsa mill-fastidju sesswali u mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jappella biex isiru sforzi*** biex jiġu żgurati parteċipazzjoni u opportunitajiet ta' tmexxija ugwali fis-setturi pubbliċi u privati ***billi tiġi promossa rappreżentanza bbilanċjata bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà u ta' teħid ta' deċiżjonijiet u billi jiġi miġġieled is-sessiżmu fl-isferi pubbliċi u privati***;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi promoss aċċess ugwali għall-edukazzjoni u għal-litteriżmu finanzjarju għan-nisa u għall-bniet, b'mod partikolari għal dawk minn gruppi emarġinati u affettwati mid-diskriminazzjoni; jenfasizza li dawn il-politiki jrid ikollhom l-għan li jrawmu opportunitajiet indaqs, u jżidu l-opportunitajiet tan-nisa u tal-bniet li jiksbu impjieg stabbli, imħallas tajjeb u sodisfaċenti filwaqt li jiggarantixxi l-indipendenza finanzjarja tagħhom; jappella biex in-nisa u l-bniet jingħataw aċċess aħjar għall-għodod u għat-taħriġ diġitali u li jiġu inċentivati programmi u finanzjament għan-nisa u għall-bniet fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika (STEM) u fl-istudji u fl-attivitajiet intraprenditorjali;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	11b. Jisħaq fuq l-importanza tal-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni għad-drittijiet tan-nisa biex jiġi affermat mill-ġdid l-impenn tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għat-tiswir tal-istrateġija l-ġdida għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, li se tiġi ppubblikata fl-2026; jappella għal involviment aktar qawwi min-naħa tal-Istati Membri u għal approċċ komprensiv li jindirizza s-servizzi sesswali u riproduttivi, id-diskriminazzjoni intersezzjonali u l-protezzjoni ta' nisa vulnerabbli;

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jappella għad-dritt universali għal aċċess għal abort sikur u legali biex dan jiżdied mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u jiġi stabbilit qafas legalment vinkolanti;

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11d. Itenni li l-SRHR huma drittijiet fundamentali tal-bniedem, u t-twettiq tagħhom huwa aspett fundamentali tad-dinjità tal-bniedem u prerekwiżit għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; ifakkar l-impenn tal-UE għall-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u mad-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, mingħajr ebda diskriminazzjoni,

koerċizzjoni u vjolenza;

Emenda 60

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11e. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm aċċess għal data affidabbli mibnija fuq pedamenti statistiċi b'saħħithom u tal-involviment taċ-ċittadini bħala għodda biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; iqis li dan huwa kruċjali biex jiġu identifikati d-disparitajiet bejn il-pajjiżi u r-reġjuni, jiġu fformulati l-politiki u jiġi vvalutat il-progress tal-inizjattivi globali rigward l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

Emenda 61

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11f. Jitlob inkuraġġiment aktar b'saħħtu tad-dritt ta' kull mara li tibbilanċja l-ħajja professjonali u privata tagħha billi jiġu promossi r-responsabbiltà konġunta u kundizzjonijiet tax-xogħol li jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja privata, tal-ħajja tal-familja u tal-ħajja tax-xogħol;

Emenda 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11g. Jinsab allarmat bir-rigress kontinwu tal-SRHR u bl-attakki kontra d-difensuri tal-SRHR fl-Ewropa u globalment; jappella għal sforz Ewropew

	b'saħħtu biex jiġu protetti l-valuri fundamentali tagħna bħad-drittijiet ugwali għall-awtonomija fiżika u għal politiki aktar b'saħħithom li jiggarantixxu aċċess universali għan-nisa u għall-bniet kollha għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluża informazzjoni dwar l-ippjanar tal-familja, il-kontraċezzjoni affordabbli, abort liberu, sikur u legali, u l-kura tas-saħħa materna;

Emenda 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11h. Jappella għal politiki u azzjonijiet aktar b'saħħithom biex jippromwovu aċċess għall-art, għall-kreditu, għall-intraprenditorija u għall-edukazzjoni, kif ukoll għall-impjieg u għas-saħħa, b'mod speċjali għal nisa u għal bniet f'ċirkostanzi ta' vulnerabbiltà, nisa b'diżabbiltà, nisa tqal u nisa f'żoni rurali u insulari u fir-reġjuni ultraperiferiċi;

Emenda 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11i. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li tiġi pprovduta edukazzjoni komprensiva obbligatorja dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet, ibbażata fuq l-evidenza, fl-iskejjel primarji u sekondarji, sabiex jiġu miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-istereotipizzazzjoni tal-ġeneru; jissottolinja li l-investiment fl-edukazzjoni tal-bniet jagħti redditi kbar għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin, filwaqt li jikkontribwixxi direttament għat-twettiq tad-drittijiet fundamentali tagħhom u

għall-protezzjoni minn kull forma ta' vjolenza, iżda jikkontribwixxi wkoll għal benesseri aħjar għal soċjetajiet sħaħ; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tressaq linji gwida tal-UE dwar edukazzjoni sesswali komprensiva u bbażata fuq l-evidenza, abbażi tal-istandards tad-WHO u tippromwovi l-kondiviżjoni ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam;

Emenda 65

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11j. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf il-finanzjament ta' movimenti fl-UE u barra minnha li jikkontribwixxu għal kwalunkwe forma ta' oppressjoni tan-nisa, inklużi kampanji kontra d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tan-nisa u l-SRHR;

Emenda 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11k. Jiddispjaċih dwar ir-rigressjoni tad-drittijiet tal-LGBTIQ+ u t-transfobija li thedded l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jiddenunzja l-fatt li, bejn l-2021 u l-2022, tliet organizzazzjonijiet kontra l-LGBTIQ+, waħedhom irrappurtaw USD 1 biljun f'introjtu meta mqabbla ma' 8 000 benefiċjarju globali LGBTIQ+ li rċevew USD 905 miljun bejniethom [1a]***; iwissi dwar iż-żieda inkwetanti fil-finanzjament kontra l-ġeneru li għandu l-għan li jiġġieled il-kisbiet progressivi tad-drittijiet tan-nisa u tal-LGBTIQ+ f'dawn l-aħħar deċennji;***

[1a] ***Nota ta' politika tal-ODI, "Where next for feminist foreign policy on funding feminist movement?", https://media.odi.org/documents/ODI-ET-FundingMovements-PB-EN-May24-Final.pdf.***

Emenda 67

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11l (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11 l. Jappella biex l-UE tipprojbixxi ċ-ċentri ta' konverżjoni fl-Istati Membri u tagħmel dak kollu possibbli biex tipprevjeni din il-prattika kullimkien;

Emenda 68

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11m (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11m. Jappella biex l-UE tistabbilixxi mira ta' finanzjament speċifika biex tappoġġja d-drittijiet tan-nisa u l-organizzazzjonijiet LGBTIQ+, il-movimenti femministi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa u globalment; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' protezzjoni għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE, li jiffoka b'mod partikolari fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem favur in-nisa, il-persuni LGBTIQ+ u l-SRHR;

Emenda 69

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	12a. Jinnota kif l-isforzi biex jinkisbu l-SDGs għandhom jenfasizzaw il-politiki li jrawmu l-innovazzjoni, l-intraprenditorija u l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi, li fl-aħħar mill-aħħar se jixprunaw il-kisba usa' tal-SDGs u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

Emenda 70

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;	13. Jappella għal politiki aktar b'saħħithom u azzjonijiet kuraġġużi biex jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli; iħeġġeġ lill-UE u lis-sħab globali jużaw strumenti bħall-Global Gateway biex joħolqu impjiegi deċenti li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; ***jappella għal sforzi biex jiġi żgurat li l-ilħna ta' dawk l-aktar probabbli li jitħallew jibqgħu lura jinstemgħu u li tingħata prijorità lill-ġlieda kontra l-faqar u l-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, b'enfasi partikolari fuq in-nisa li jiffaċċjaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni;***

Emenda 71

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq li l-maġġoranza tax-xogħol ta' kura mhux imħallas għadu piż biss għan-nisa u dan għandu konsegwenzi negattivi fuq id-differenzi okkupazzjonali bejn il-ġeneri, l-indipendenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà; jappella biex l-UE tiżviluppa miżuri speċifiċi biex tirrikonoxxi x-xogħol ta' kura u tipprovdi servizzi soċjali pubbliċi adegwati biex

tappoġġjah;

Emenda 72

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jesprimi tħassib li t-tkabbir ekonomiku f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għadu għaddej b'ritmu baxx u irregolari, spiss imfixkel minn dgħufijiet strutturali, inugwaljanzi ekonomiċi, instabbiltà politika ***u*** xokkijiet esterni;	14. Jesprimi tħassib li t-tkabbir ekonomiku f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għadu għaddej b'ritmu baxx u irregolari, spiss imfixkel minn dgħufijiet strutturali, inugwaljanzi ekonomiċi***, soċjali u bejn il-ġeneri***, instabbiltà politika***,*** xokkijiet esterni ***u interferenza barranija***;

Emenda 73

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jesprimi tħassib li fl-UE l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri qed ikomplu jiżdiedu fir-rigward tas-suq tax-xogħol; ifakkar fil-ħtieġa li jitħarsu u jissaħħu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru fil-politika ta' koeżjoni tal-UE biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi;

Emenda 74

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet;	15. Jirrakkomanda żieda fl-investiment pubbliku u privat fir-riċerka, fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet; ***jappella biex l-UE tagħti spinta lit-taħriġ u lill-impjiegi ta' kwalità għat-tranżizzjoni ġusta, b'attenzjoni speċifika għall-gruppi sistematikament esklużi u żvantaġġati,***

	inklużi n-nisa u l-komunità LGBTIQ+;

Emenda 75

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali;	16. Jenfasizza li l-inizjattivi mmirati biex jistimulaw it-tkabbir ekonomiku ma jistgħux isiru għad-detriment tal-ġustizzja soċjali, ***tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** tad-drittijiet tax-xogħol jew tal-protezzjoni ambjentali***, speċjalment peress li n-nisa u l-persuni minn gruppi ta' minoranza huma l-aktar probabbli li jkunu minn tal-ewwel li jsofru inugwaljanzi ġġenerati mit-tkabbir ekonomiku***;

Emenda 76

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jisħaq li għad hemm differenzi fil-qgħad globali għan-nisa u għaż-żgħażagħ, u li, globalment, in-nisa żgħażagħ għandhom probabbiltà darbtejn akbar minn irġiel żgħażagħ li jkunu NEET (barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ); jirrikonoxxi li l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki tal-edukazzjoni, tat-taħriġ, tas-suq tax-xogħol u tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tista' żżid il-prosperità u ssaħħaħ il-kompetittività ekonomika, filwaqt li tevita s-sottoutilizzazzjoni tal-assi u tat-talent;

Emenda 77

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Ifakkar li huwa vitali li jinħolqu inċentivi għan-negozji biex jallinjaw l-operazzjonijiet tagħhom mal-SDGs, filwaqt li jiġi żgurat li s-suq jibqa' kompetittiv u kapaċi jixpruna l-innovazzjoni fl-iżvilupp sostenibbli għan-nisa u għall-bniet;

Emenda 78

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq fuq l-impatt sproporzjonat tad-degradazzjoni ambjentali, speċifikament it-tniġġis tal-plastik, fuq in-nisa u l-bniet; jappella għal aktar riżorsi għar-riċerka dwar l-effetti tat-tniġġis mill-(mikro)plastik fuq is-sistema ormonali femminili u l-impatt potenzjali fuq il-fertilità;

Emenda 79

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar ***u*** l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik;	19. Jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri globali vinkolanti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, titħaffef l-azzjoni u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-oċeani, inkluż permezz ta' prattiki tas-sajd sostenibbli, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, it-tisħiħ tal-isforzi ta' konservazzjoni tal-baħar ***permezz tal-protezzjoni effettiva taż-żoni tal-baħar protetti,*** l-adozzjoni ta' trattat globali dwar it-tniġġis mill-plastik ***u l-protezzjoni tad-drittijiet tas-sajjieda fuq skala żgħira u l-aċċess għar-riżorsi u s-swieq tas-sajd, filwaqt li jiġi żgurat li n-nisa u l-irġiel fis-sajd artiġjanali***

	jipparteċipaw b'mod ugwali u effettiv fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom;

Emenda 80

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jisħaq fuq il-ħtieġa, b'mod aktar speċifiku, li jiġu rikonoxxuti x-xogħol u l-kontribut tan-nisa fil-katina tal-valur tas-sajd fuq skala żgħira u li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom;

Emenda 81

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-governanza tal-oċeani, fl-attivitajiet ekonomiċi (bħat-turiżmu, it-trasport marittimu jew is-sajd) u fix-xjenza tal-oċeani[1a]***;***
	[1a] UNESCO, 'Gender Equality for Ocean Sustainability', https://www.unesco.org/en/articles/gender-equality-ocean-sustainability.

Emenda 82

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-UE tkompli tippromwovi l-multilateraliżmu u tipprovdi tmexxija globali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Aġenda 2030; jenfasizza li impenn mill-ġdid b'mod	20. Jistieden lill-UE tkompli tippromwovi l-multilateraliżmu u tipprovdi tmexxija globali fl-avvanz tal-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Aġenda 2030; jenfasizza li impenn mill-ġdid b'mod

ċar u tond għall-SDGs se jibgħat sinjal ċar lis-sħab madwar id-dinja u jappoġġja l-azzjoni globali tal-UE;	ċar u tond għall-SDGs***,*** se jibgħat sinjal ċar lis-sħab madwar id-dinja u jappoġġja l-azzjoni globali tal-UE; ***jisħaq li impenn mill-ġdid sod jrid ikun akkumpanjat minn miżuri konkreti mill-UE u li jrid jiżgura li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tkun parti integrali mid-djalogi politiċi mal-pajjiżi sħab fil-livelli bilaterali u multilaterali;***

Emenda 83

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jafferma mill-ġdid li l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA;	21. Jafferma mill-ġdid li ***l-SDGs se jintlaħqu biss jekk ikunu ffinanzjati b'mod suffiċjenti u sostenibbli u li*** l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tibqa' sors kruċjali ta' finanzjament pubbliku; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha tal-UE u lis-sħab globali jiżguraw li jiġi ddedikat finanzjament suffiċjenti għat-twettiq tal-impenn li jintefqu 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross fuq l-ODA***, filwaqt li 4 Stati Membri biss minn 21 li huma membri tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp jikkonformaw ma' dan l-impenn internazzjonali***;

Emenda 84

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ;	22. Jenfasizza r-rwol kruċjali tas-sħubijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati u l-involviment tal-gvernijiet lokali, tas-soċjetà ċivili u tar-rappreżentanti taż-żgħażagħ; ***itenni li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) huma atturi ewlenin f'demokraziji vibranti u jenfasizza li l-SDGs, speċjalment l-SDG 5, ma jistgħux jinkisbu mingħajr is-sħubija tal-OSĊ, inklużi l-organizzazzjonijiet tan-***

	nisa u tal-LGBTIQ+ fil-livell lokali; jiddeplora, f'dan ir-rigward, l-attakki mhux ġustifikati li qed jiżdiedu kontra l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-għeluq tal-ispazji ċiviċi, kemm fl-Ewropa kif ukoll madwar id-dinja; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat finanzjament regolari, adegwat u sostenibbli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u li jinżamm djalogu miftuħ, trasparenti u strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Emenda 85

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappella għas-serħan mid-dejn u għar-ristrutturar tad-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għal riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inklużi l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex isiru adatti għall-implimentazzjoni tal-SDGs;	23. Jappella għas-serħan mid-dejn u għar-ristrutturar tad-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għal riformi tal-istituzzjonijiet finanzjarji globali, inklużi l-banek tal-iżvilupp multilaterali, biex isiru adatti għall-implimentazzjoni tal-SDGs ***u jitnaqqsu l-inugwaljanzi ekonomiċi, soċjali u bejn il-ġeneri; jappella biex tiġi inkluża perspettiva tal-ġeneru aktar b'saħħitha fid-dokument ta' eżitu tar-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp***;

Emenda 86

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Itenni li l-SDGs huma l-uniku sett ta' għanijiet maqbula globalment u komprensivi dwar l-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw u huma l-aħjar għodda biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom;	26. Itenni li l-SDGs huma l-uniku sett ta' għanijiet maqbula globalment u komprensivi dwar l-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw u huma l-aħjar għodda biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħhom; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu***

favur l-implimentazzjoni sħiħa tal-SDGs, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, bħala qafas universali;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	20.5.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 17 - : 11 0 : 8
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mathilde Androuët, Mireia Borrás Pabón, Irmhild Boßdorf, Mélissa Camara, Margarita de la Pisa Carrión, Valérie Devaux, Elisabeth Dieringer, Rosa Estaràs Ferragut, Viktória Ferenc, Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Chiara Gemma, Gabriella Gerzsenyi, Arba Kokalari, Sebastian Kruis, Judita Laššáková, Eleonora Meleti, Irene Montero, Maria Noichl, Sirpa Pietikäinen, Giusi Princi, Joanna Scheuring-Wielgus, Benedetta Scuderi, Laurence Trochu, Marko Vešligaj, Dainius Žalimas
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Loucas Fourlas, Kathleen Funchion, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Hanna Gedin, Katrin Langensiepen, Jagna Marczułajtis-Walczak, Beatrice Timgren, Jana Toom
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Georgios Aftias, Niels Geuking

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

17	+
PPE	Kokalari Arba, Pietikäinen Sirpa
Renew	Devaux Valérie, García Hermida-Van Der Walle Raquel, Toom Jana, Zalimas Dainius
S&D	Fritzon Heléne, Gálvez Lina, Noichl Maria, Scheuring-Wielgus Joanna, Vesligaj Marko
The Left	Funchion Kathleen, Gedin Hanna, Montero Irene
Verts/ALE	Camara Mélissa, Langensiepen Katrin, Scuderi Benedetta

11	-
ECR	Gemma Chiara, Timgren Beatrice, Trochu Laurence
ESN	Boßdorf Irmhild
NI	Lassáková Judita
PfE	Androuët Mathilde, Borrás Pabón Mireia, Dieringer Elisabeth, Ferenc Viktória, Kruis Sebastian, de la Pisa Carrión Margarita

8	0
PPE	Aftias Georgios, Estaràs Ferragut Rosa, Fourlas Loucas, Gerzsenyi Gabriella, Geuking Niels, Marczulajtis-Walczak Jagna, Meleti Eleonora, Princi Giusi

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni